**15 ta' Diċembru, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Joseph Cost Chretien

*versus*

Joseph C. Borda

**Obligazzjoni — Kambjali — Nullità — Vizzju tal-Kunsens — Vjolenza Morali.**

*Diffiċilment jiftiehem kif il-fatt li l-kreditur juri l-ħsieb tiegħu li, jekk id-debitur ma jiffirmax kambjali konstatanti d-dejn tiegħu, huwa jipprevalixxi ruħu minn rimedju kawtelatorju sanzjonat mill-liġi, bħal ma hu mandat ta' mpediment tal-partenza, jista', fin-nuqqas ta' ċirkustanzi oħra, jitqies bħala att ta' vjolenza li jinfiċja l-kunsens tad-debitur li ffirma dik il-kambjali.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tagħha tas-6 ta' Novembru 1961, riportata in kopja fol. 28, li biha ġie permess lill-konvenut li jġib il-provi dwar l-eċċezzjoni tiegħu fis-sens li, meta ffirma l-kambjalijiet in kwistjoni, il-kunsens tiegħu kien affett minn vjolenza morali konsistenti f'minaċċja;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

L-appellant jagħmel il-vjolenza tikkonsisti filli jippretendi li hu ffirma għaliex l-attur għeddu li, jekk ma jaċċettax it-tratti, jagħmillu mpediment tal-partenza; u jżid jgħid li din il-minaċċja saret proprju fil-waqt li hu kien sejjer, dak il-ħin stess, isiefer bl-ajru għal vjaġġ li fih kellu mpenji kummerċjali ta' importanza;

Jirriżulta mill-provi li, fuq l-intervent ta' funzjonarju tal-Barclay's Bank il-kontendenti ltaqgħu l-Bank sabiex tiġi regolata pendenza ta' bejniethom. Ma hix ħaġa nsolita li klijenti ta' Bank, speċjalment meta jkun hemm il-prospettiva tal-emissjoni ta' kambjalijiet u tal-iskont tagħhom fil-Bank, jiltaqgħu hemm biex tiġi diskussa, u talvolta finalizzata, il-kwistjoni li tverti bejniethom;

Issa l-ewwel nett, ma jirriżultax li proprju dak inhar il-konvenut kien sejjer isiefer; anzi l-provi juru konkludentement li, mentri dan l-inkontru ma' Demarco kien fis-6 ta' April 1961, inveċe l-konvenut siefer fit-12 ta' dak ix-xahar. Ma kienx hemm, kwindi, dik il-premura mbarazzanti u dik il-possibbiltà ta' ritard preġudizzjevoli li ried iġib il-quddiem il-konvenut bħala fatturi tal-pretiża vjolenza. Del resto, diffiċilment jiftiehem kif il-fatt li kreditur (suppost li dan semma l-ħsieb tiegħu li diversament kien sejjer jitlob kontra l-appellant il-ħruġ ta' mandat ta' mpediment tal-partenza) juri li bi ħsiebu jipprevalixxi ruħu minn rimedju kawtelatorju sanzjonat mill-istess liġi, jista', fin-nuqqas ta' ċirkustanzi oħra, jitqies bħala att ta' vjolenza li jinfiċja l-kunsens tad-debitur;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tiċħad l-appell u

tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti, inklużi dawk riżervati fid-deċiżjoni preambula fuq imsemmija.

---

**TMIEM TAT-TIENI SEZZJONI**
**TAL-EWWEL PARTI**
**TAL-VOLUM XLV.**

---